# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Minuti**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Fgura**

**Laqgħa Numru 9/2024**

Data: It-Tlieta 29 ta' Ottubru, 2024

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun – Sindku<br>Chev Darren Marmara – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Sna Josianne Scicluna - Kunsilliera<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier<br>Sur Adrian Tanti - Kunsillier |
| Skuzati: | Sur Izaak Catania Degiovanni – Kunsillier<br>Dr Ryan Ellul - Kunsillier |
| | Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**9.1 KONTINWAZZJONI TAL-PROGRESS TA' ĦIDMA**

Is-Sindku radd is-salib u qal talba u nforma lill-membri preżenti li kien hemm żewġ (2) talbiet ta' apoloġija tal-Kuns I Catania Deġiovanni kif ukoll tal-Kuns R Ellul.

## 9.1 KONTINWAZZJONI TAL-PROGRESS TA' ĦIDMA

**9.1.1** Is-Sindku talab lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna nfurmat li l-laqgħa relatata ma' Pink October / Movember ġiet approvata u se jkun hemm tibdil fid-data, fejn se ssir għada it-30 ta' Ottubru u apparti minn hekk se jkunu qed jattendu wkoll l-irġiel.

**9.1.2** Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **6960/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japrova attivita' għat-18 ta' Diċembru fejn se ssir attivita' tal-Milied min-Nisa fis-Soċjeta'. Se jsir taħriġ kif isir il-mulled wine u wara jsewgi bi ftit ikel. Mhux iktar minn €800'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**9.1.3** Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **6961/24/9** 'Attivitajiet Nisa fis-Soċjeta well being u wellness. Sabiex dan il-Kunsill japrova sessjonijiet ta' attivitajiet li jibdew minn Jannar 2025 nhar ta' Sibt wara nofsinhar fis-sala tal-Kunsill 11 ta' Jannar 2025, 18 ta' Jannar 2025, 25 ta' Jannar 2025, 1 ta' Frar 2025, 8 ta; Frar 2025, 15 ta' Frar 2025, 22 ta' Frar 2025, 1 ta' Marzu 2025, 8 ta' Marzu 2025, 15 ta' Marzu, 22 ta' Marzu 2025, 29 ta' Marzu 2025. Mhux aktar minn €1,000'

Il-Kuns J Scicluna qalet li ġiet ikkuntattjata mill-Kuns C Bonello sabiex id-data tal-1 ta' Frar iżżommha pendenti minħabba l-fatt li propju l-1 ta' Frar hija l-ġurnata li ġiet imwaqqfa l-Parroċċa. Is-Sindku nforma lill-Kuns J Scicluna li s-Sibt wara nofsinhar ma jkunx hawn ħaddiema klerikali u l-Kuns J Scicluna wieġbet li se tkun qed tiftaħ u tagħlaq hi. Il-Kuns J Scicluna qalet li tali sessjonijiet se jsiru mis-2pm sal-4pm iżda talbet l-approvazzjoni li jsiru mis-1pm sal-5pm sabiex isir it-tindif min-naħa tagħhom kemm qabel u anke wara dawn is-sessjonijiet.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**9.1.4** Fin-nuqqas tal-attendenza tal-Kuns R Ellul, is-Sindku qara l-progress ta' ħidma tiegħu. Is-Sindku qal li l-Kuns R Ellul qed jipproponi water catchment fi Triq il-Kampanella kantuniera ma' Triq is-Sur, fejn il-Kuns R Ellul qed jistenna risposta dwar id-daqs tal-pajpijiet li kienu saru oriġinarjament fi Triq is-Sur peress li din għadha taħt il-garanzija.

**9.1.5** Fir-rigward ta' Vjal Kottoner il-Kuns R Ellul qal li qed jistenna informazzjoni mingħand Infrastruttura Malta meta se jibda x-xogħol, ġiet sottomessa l-aħħar disinn sabiex jibda x-

xogħol u kif isir it-tarmak ta' Triq il-Foss, tibda t-triq skont kif sar il-ftehim waqt il-laqgħa li kellu.

**9.1.6** Is-Sindku kompla billi qal li l-Kuns R Ellul kiteb li Triq is-Sur kantuniera ma' Triq Valperga qed isir id-disinn il-ġdid peress li qed issir masterplan tal-area kollha. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li mill-ġimgħa l-oħra sal-lum id-disinn tlesta u d-disinn iddaħħal mal-framework agreement tal-Public Works

**9.1.7** Rigward it-tarmak fi Triq il-Merħba kantuniera ma' Triq l-Għasfur tal-bejt ġiet sottomessa l-pjanta sabiex din il-parti tingħata t-tarmak. Is-Sindku qal li anke dan l-item ġie mdaħħal mal-framework agreement tal-Public Works

**9.1.8** Rigward it-traffic management ta' Triq id-Dejma, għadha qed tiġi ddisinjata l-pjanta tal-area wara li tiġi approvata mill-Kunsill tintbagħat lil Transport Malta għall-clearance min-naħa tagħhom.

**9.1.9** Rigward is-soft areas, il-Kuns R Ellul qal li ltaqa' mal-Perit fejn iddiskutew l-possibilta' li l-bankini speċjalment fil-kantunieri minflok konkos jiġi kkonvertit f'soft areas bil-ħamrija. Eżempji ta' fejn jistgħu jsiru hemm:
a. Kantuniera ta' fejn Tip Top
b. Kantuniera Triq Zabbar ma' Triq San Pietru (l-erba' kantunieri)
c. Kantuniera Triq Zabbar ma' Triq ir-Riħan (l-erba' kantunieri)
d. Kantuniera Triq Zabbar ma' Triq il-Ġiżi
e. Kantuniera Triq Zabbar ma' Triq San Mikiel (l-erba' kantunieri)
f. Triq it-Tagħlim ma' Triq is-Sur (fejn l-iskola)
g. Jiżdied soft area fi Triq Mahatma Gandhi speċjalment l-area tal-housing estate

F'dan ir-rigward ukoll qed jiġu ddisinjati pjanti biex inkomplu mal-istess pjanti li ġew sottomessi tal-islow streets

**9.1.10** Fir-rigward ta' Triq is-Summiena ix-xogħol miexi sew fejn qed isiru l-mains tal-ilma bil-house connections kollha ġodda. Kien hemm ftit problemi għal dak li għandu x'jaqsam mat-tqaxxir tat-triq peress li kellu jinżel iktar milli suppost u anke minħabba l-livelli tal-bini tad-djar u l-katusi tal-ilma tax-xita. Jidher li kollox miexi skont il-pjan kif ukoll mad-dati ppjanati.

**9.1.11** Fir-rigward ta' timed parking il-Kuns R Ellul qed jaħdem fuq rapport sabiex jippreżentah fuq il-mejda tal-kamra. Se jiġu ddisinjati żoni għalissa fit-toroq prinċipali

**9.1.12** Fin-nuqqas tal-attendenza tal-Kuns I Catania Degiovanni, s-Sindku qara l-progress ta' ħidma tal-Kuns I Catania Degiovanni, fejn qed juri x-xewqa li fis-sajf jiġu mħejjija korsijiet għaż-żagħżagħ fuq 3d printing u sistema aħjar ta' Live streaming. Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kuns I Catania Degiovanni qed jitkellem ma' kumpanija fir-rigward tat-3D Printing fejn għadu mingħajr risposta.

**9.1.13** Is-Sindku ndirizza lill-Kuns C Bonello li rċieva żewġ imejls għall-progress ta' ħidma, ir-rapport tas-soltu kif ukoll minħabba r-restawr tas-Salvatur. Il-Kuns C Bonello qal li rċieva talba biex tiġi rrestawrata l-istatwa ta' Kristu Rebbieħ li jinsab fuq il-bieb prinċipali tal-knisja. Il-Kuns C Bonello kompla billi qal li dan ix-xogħol forsi jkun jista jsir bi skema iżda tali skema għadha ma ġietx ippubblikata u kif tinħareġ se jkun qed iressaqha fil-laqgħa tal-Kunsill dejjem jekk il-kundizzjonijiet ikunu b'mod li jista' jsir dan ix-xogħol.

**9.1.14** Is-Sindku talab lill-Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns C Bonello qal li rigward l-Esebizzjoni tal-ħames (5) edizzjoni ta' Ħiliet il-Fgurin, l-inawgurazzjoni tal-Wirja saret kif ippjanat. Jidher li t-tliet (3) artisti huma kuntenti. Il-Wirja tibqa' miftuħa sat-2 ta' Novembru

**9.1.15** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-Inizjattiva Milied Reċiklabbli għas-sena 2024 se tkun qed tibda l-ħidma fuqha fil-ġranet li ġejjin.

**9.1.16** Il-Kuns C Bonello qal li l-preparamenti ta' Pjazza fil-Milied mexjin u l-affarijiet qed jiġu konklużi. Il-ħidma fuq il-presepju mixja wkoll u jidher li mexjin skond l-iskeda. Il-Kuns C Bonello kompla billi qal li fil-laqgħa ta' Novembru se jkun f'pożizzjoni kemm is-Sindku kif ukoll hu, li jgħatu iktar dettalji inkluż il-qafas tal-programm. Il-Kuns C Bonello qal li saret il-laqgħa mal-għaqdiet u anke hawn waslu fil-fażi finali fejn ikun hemm deċiżjoni finali kull stand x'ikel ikun ser ibiegħ. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6962/24/9** 'Sabiex tiġi approvata s-somma addizzjonali ta' €10,000 għall-attivita' Pjazza fil-Milied 2024'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**9.1.17** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6963/24/9** 'Sabiex tiġi approvata s-somma ta' €5,000 għall-materjal u ħtiġijiet oħrajn sabiex issir il-kostruzzjoni tal-Presepju li se jintuża bħala attrazzjoni fi Pjazza fil-Milied 2024 li se jsir minn Ray Bezzina'. L-aħħar parti tal-mozzjoni ġiet miżjuda qabel ittieħed il-vot.

Il-Kuns Bonello qal li tali presepju ser jintrama ftit ġranet qabel l-attivita' dejjem jiddependi mit-temp u jiżżarma wara l-attivita'. Madankollu, fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li l-presepju għandu jibqa' armat anke wara Pjazza fil-Milied. Il-Kuns C Bonello qal li kif ġie maħdum il-presepju sar li jista' jintuża minn sena għall-oħra u jiżżarma biex jintrefa' kif suppost. Il-Viċi Sindku staqsa min hi l-persuna li qed tagħmel dan ix-xogħol u l-Kuns C Bonello wieġeb li x-xogħol qed isir mis-Sur Ray Bezzina. Il-Viċi Sindku qal li fil-mozzjoni għandu jitniżżel isem min se jkun qed jagħmel dan il-presepju. Dwar dan kien hemm qbil li għandu jitniżżel l-isem fil-mozzjoni.

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**9.1.18** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-Wirja tal-Milied li tittellgħa fil-foyer tal-Kunsill se ssir laqgħa ma' Keziah Ellul fil-ġranet li ġejjin sabiex jibdew jiġu ffinalizzati d-dettalji. Il-Kuns C Bonello qal li flimkien mal-Kuns R Deguara żaru l-ħidma li qed issir fuq il-presepji fid-Day Centre iżda il-Kuns C Bonello għadu qed jistenna min-naħa tal-Kuns R Deguara dwar kemm ser ikun hemm presepji esebiti sabiex jinħoloq l-ispazju neċessarju.

**9.1.19** Il-Kuns C Bonello qal li għadu qed jistenna mill-Kuns M Lombardo sabiex tiġi ffissata laqgħa inizjali mal-iskola dwar il-proposta li saret biex jiġu esebiti l-presepji li qed isiru mit-tfal tal-iskola primarja. Il-Kuns C Bonello kompla billi qal li l-preparamenti fid-dettal iridu jkunu magħluqin sal-15 ta' Novembru għaliex kulma jkun għad fadal tliet (3) ġimgħat sakemm tibda' l-wirja u f'dan il-perjodu jkunu jridu jiġu ffinalizzati d-dettalji kollha. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6964/24/9** 'Mozzjoni ta' mhux iktar minn €1,000 sabiex issir l-Eżebizzjoni tal-Milied 2024'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**9.1.20** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6965/24/9** 'Sabiex tiġi approvata s-somma ta' €1,200 sabiex issir il-pubbliċita' ta' Pjazza fil-Milied u attivitajiet oħrajn anċillari'
Il-Viċi Sindku staqsa għall-kwotazzjonijiet u l-Kuns C Bonello qal li għad iridu jinġabru. Il-Kuns C Bonello kompla billi qal li hu kien qed iressaq mozzjoni ta' nfieq kif isir dejjem u mbagħad jinġiebu l-kwotazzjonijiet mill-ħaddiema klerikali. Il-Viċi Sindku staqsa rigward min jieħu d-deċiżjoni li jagħżel min se jkun qed jagħmel ix-xogħol u s-Sindku wieġeb li l-irħas kwotazzjoni tiġi magħżula. Is-Sindku staqsa lill-Kuns C Bonello jekk kif appena jinġabru l-kwotazzjonijiet iressaqhomx fuq il-mejda u għal dan il-Kuns C Bonello wieġeb li din qatt ma kienet il-prattika tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku saħaq li mal-mozzjonijiet tal-infieq għandhom dejjem jiġu ppreżentati t-tliet (3) kwotazzjonijiet u jintgħażlu mill-membri tal-Kunsill peress li finalment huma responsabbli mill-ħlasijiet. Il-Viċi Sindku afferma li sal-lum għadu qatt ma approva l-ħlasijiet għas-sempliċi raġuni li għadu mhux iħossu komdu kif qed tinħadem is-sistema. Il-Viċi Sindku talab li l-kwotazzjonijiet li jinġiebu jintbagħtu lilu biex jarahom. Dwar dan kien hemm diskussjoni bejn il-membri preżenti fejn il-maġġoranza qablu li dan il-Kunsill fir-rigward tal-kwotazzjonijiet u l-mozzjonijiet is-sistema għandha tibqa' għaddejja kif inhi preżentament.
Il-Kuns C Bonello rrefera għat-talba tal-Viċi Sindku dwar il-kwotazzjonijiet u qal li fost l-oħrajn, dak li qed jitlob il-Viċi Sindku, jekk jiġi applikat dejjem kif qed jinsisti, jfisser li tpoġġi lill-Għaqdiet tal-Lokal bħal Kummissjoni Festa Esterna u l-Banda f'kompetizzjoni ma' oħrajn barra l-lokal bil-konsegwenza tista' tkun li minflok nużaw is-servizzi tagħhom, ikollna nużaw servizzi minn barra l-lokalita'.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**9.1.21** Il-Kuns C Bonello qal li fl-okkażjoni tas-sittin (60) sena Parroċċa (Frar 2025) fil-jiem li ġejjin se ssir laqgħa mal-Kappillan. Il-Kuns C Bonello qal li qed jitlob lil kull kunsillier li min jixtieq jorganizza attivita' fil-qasam tiegħu relatata ma' dan l-anniversarju jinfurma lill-Kuns C Bonello sabiex flimkien jiġu ddiskussi dawn il-proposti. Is-Sindku ntervjena dwar l-aħħar sentenza u talab lill-Kuns C Bonello biex ħadd ma jidħol fuq dekasteri ta' xulxin u għaldaqstant għandu jieħu ħsieb hu l-programm kollu la dan id-dekasteru jaqa' taħtu.

**9.1.22** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-erbgħin (40) sena tal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madoonna tal-Karmnu Fgura (2025) saret laqgħa mal-President tal-Banda fejn ġew diskussi diversi avvenimenti li l-banda ser tagħmel kemm b'rabta ma' dan l-anniversarju kif ukoll ma' avvenimenti oħrajn li l-banda għandha fil-pjan għas-sena d-dieħla. Il-Kuns C Bonello qal li qed jistenna l-proposta mill-kazin tal-Banda dwar dan l-anniversarju u l-involviment tal-Kunsill f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

**9.1.23** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-Karnival 2025, il-ħidma ser tibda' fil-ġimgħat li ġejjin.

**9.1.24** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigwrad tal-Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka 2025 saret l-ewwel laqgħa din il-ġimgħa sabiex jibda jitħejja qafas għall-attivita tas-sena d-dieħla. Dettalji iktar il`quddiem

**9.1.25** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tad-dekasteru tal-Ambjent qal li qed isir awditjar tas-siġar fil-lokalita' u għaddejjin b'dan l-eżerċizzju li qed jispera li jkun lest sal-aħħar tas-sena

**9.1.26** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tat-tisbiħ madwar il-Way Marker, ix-xogħol ser jibda fil-ġranet li ġejjin u l-kuntrattur tas-siġar ġa ltaqa' miegħu fuq il-post sabiex fehmu eżatt x'hemm bżonn isir. Il-Kuns C Bonello indirizza lill-Kuns A Tanti u qallu li hemm lok biex isir cat shelter

**9.1.27** Il-Kuns C Bonello qal li kien hemm inizjattivi oħrajn marbuta mas-siġar, li huma:
a. Kompla l-eżerċizzju kull ġimgħa tat-tindif tal-pots tat-triq prinċipali
b. Kompla l-programm ta' tisqija lis-siġar u l-pjanti kollha madwar il-Fgura issa fuq bażi inqas frekwenti minħabba li t-temp ifriska ftit iktar u anke minħabba x-xita li għamlet.
c. Tul dan il-perjodu l-kuntrattur ser ikompli x-xebliek mal-vertical garden ta' Triq is-Sur
d. Kien hemm intervent fuq palma mgħawġa ġo Pjazza Reggie Miller madankollu kollox jidher li ser ikollha tinqala'. Irridu naraw xi progress tagħmel fil-ġimgħat li ġejjin
e. Ser ikun qed inaddaf iż-żona (wara diskussjoni mas-Sindku) u jaqta' s-siġar li jinsabu jisporġu fi Triq Sigismondo Savona. Il-Kuns C Bonello qal li nforma lill-Kuns A Tanti li f'din iż-żona hemm fejn isiru Cat Shelters peress li hemm qtates stray li qed jorqdu fil-kaxxi tal-kartun.
f. Żbir ta' tliet (3) siġriet fi Triq il-Merħba li qed jostakulaw tliet (3) parking spaces
g. Ġa sar żbir ta' siġra fi Triq Cospicua k/m Triq AM Valperga li kienet qed tostakola minnfejn jgħaddu n-nies bil-mixi sabiex nevitaw li joħorġu fit-triq sabiex jgħaddu.
h. Tħawwil ta' siġra taċ-ċipress fi Triq il-Pitiross wara li nqalgħet waħda li kienet mietet
i. Sar iż-żbir tas-siġar madwar il-Ground tal-Boċċi peress li kienu kibru ħafna.

Bħalissa qiegħed ukoll jitħejja pjan sabiex ix-xahar id-dieħel:
j. Isir spustjar tas-siġar tal-Main Road sabiex dawn jitpoġġew f'ordni
k. siġar kbar li jinsabu f'pots (apparti tat-triq prinċipali) ser jinqalgħu u jitpoġġew fil-ħamrija ħalli jkomplu jieħdu r-ruħ u minnflokhom fil-pots jerġgħu jitħawlu siġar żgħar sabiex jikbru.
l. Ser issir ukoll manutenzjoni meħtieġa fuq xi pots tal-ħadid li għandhom il-ħsara.
m. Qed isir eżerċizzju fejn hemm siġar mejta jew neqsin sabiex isiru siġar ġodda
n. Ser jinżabru s-siġar ta' Triq ir-Riħan peress li kibru wisq
o. Qed naraw kif nistgħu wkoll inkomplu nħaddru ż-żona ta' madwar l-iskola
p. Ma' dawn ikompli xogħol ieħor neċessarju minn żmien għal żmien sabiex inżommu s-siġar tal-lokal fl-aħjar stat possibbli.

**9.1.28** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-possibilta' ta' Skambju jew Ġemellaġġ sal-ġimgħa l-oħra ma kienx hemm żvilupp, madankollu hemm possibilita' li jinbeda kuntatt barra minn Malta pero' għadu fi stadju bikri mmens qabel jingħataw l-ewwel dettalji. Dan huwa proċess li jieħu fit-tul u kif ikollu l-ewwel żvilupp se jqiegħed kollox għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali dejjem jekk dawn il-kuntatti jiżviluppaw. Il-Kuns C Bonello qal li lbierah hu u Sindku kellhom laqgħa maċ-chairman president ta' Urinsula, li hija organizzazzjoni li tikkordina kordinazzjoni ta' ġemellaġġi u/jew skambji bejn il-gżejjer ewropej u fil-mediterran. Il-Kuns C Bonello qal li għandu jibgħatilha informazzjoni fuq il-Fgura.

**9.1.29** Il-Kuns C Bonello qal li fuq l-informazzjoni għat-tfal dwar il-Fgura, huwa nfurmat li Brandon Lee Camilleri beda fuq dan ix-xogħol pero tali eżercizzju se jieħu x-xhur

**9.1.30** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-Kompetizzjonijiet tal-Milied 2024, ix-xogħol fuqhom ser jibda fil-ġranet li ġejjin

**9.1.31** Il-Kuns C Bonello qal li l-bust ta' Patri Timotju Azzopardi, minkejja li kien hemm diversi kuntatti mal-Artist, s'issa għadu ma ngħatax data meta se jibda u jintemm ix-xogħol. Il-Kuns C Bonello saħaq li se jkompli jiġri warajh sabiex jara li jkun hemm progress.

**9.1.32** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward l-arbli u l-bnadar madwar il-Fgura, wara Jum il-Fgura se jaraw jekk l-arblu tal-injam li hemm fil-Pjazza hux ser ikollu bżonn manutenzjoni. F'każ li jkollu bżonn manutenzjoni, tali xogħol isir wara l-Milied kemm sabiex ikun qaleb it-temp kif ukoll jaraw li sal-Milied l-arblu jkun f'postu. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li l-aħħar li saret manutenzjoni fuq dan l-arblu, minħabba l-ħsara kbira li kellu fil-parti li tkun ġol-bażi kellu jinqata' parti mill-arblu. Minkejja li saru toqob apposta sabiex tali ħsara ma tkompliex issir jew titnaqqas, jekk l-arblu jkollu ħsara simili ma fadalx fejn jinqatalhu iktar u għaldaqstant ikollu jinbidel.

**9.1.33** Il-Kuns C Bonello qal li se jibda eżerċizzju sabiex jaraw eżatt xi bnadar għandna bżonn kemm għal kuljum kif ukoll għall-festi mal-arbli ta' Triq il-Karmnu, Triq Zabbar, Triq il-Koppla, Wesgħa Reggie Miller u Vjal Kottoner sabiex jaraw li jkollna bnadar biżżejjed.

Meta jsir dan ix-xogħol is-Segretarju trid tara li tali bnadar ikunu awditjati, mmarkati għal-liema arblu qegħdin kif ukoll li xi ħadd mill-istaff ikun responsabbli li jieħu ħsieb tali propjeta'

tal-Kunsill sabiex meta jkollna bżonnhom jinstabu u nkunu nafu eżatt kull bandiera għal-liema arblu kienet mgħamula.

Il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra 18:35pm

**9.1.34** Il-Kuns A Tanti talab li jressaq mozzjoni u għal dan is-Sindku staqsa jekk il-Kuns A Tanti kienx għamel talba li se jkun qed jitkellem fil-progress ta' ħidma, fejn il-Kuns A Tanti wieġeb fin-negattiv. Għal dan is-Sindku qal li għal din id-darba se jħallih jitkellem iżda mhux se jkun qed jippermetti iżjed li kunsillier jitkellem fil-progress ta' ħidma jekk ma jibgħatx imejl. Għaldaqstant il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref: **6966/24/9** 'Sabiex isiru żewġ cat shelters tal-marine plywood f'dawn it-toroq: 1. Triq Sigismondo Savona 2. Triq il-Karmnu'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:40hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sinjura Ritianne Bonnici
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data:29 ta' Ottubru, 2024